

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 993/2012

tal-25 ta' Ottubru 2012

dwar il-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni tar-ross skont il-kwoti tariffarji miftuħa għas-subperjodu ta' Ottubru 2012 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jstabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1273/2011 tas-7 ta' Diċembru 2011 li jiftaħ u li jipprova għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti ta' tariffi għall-importazzjoni ta' ross u ross miksur ⁽³⁾, fetaħ u pprova għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-importazzjoni ta' ross u ross miksur, imqasma skont il-pajjiż tal-orijini u f'diversi subperjodi skont l-Anness IX ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.
- (2) Ottubru huwa l-uniku subperjodu għall-kwota bin-numru tal-ordni 09.4138 ipprovdut skont l-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011. Din il-kwota tikkonsisti fil-bilanċ tal-kwantitajiet mhux użati mill-kwoti bin-numri tal-ordni 09.4127 - 09.4128 - 09.4129 - 09.4130 fis-subperjodu preċedenti. Ix-xahar ta' Ottubru huwa l-aħħar subperjodu għall-kwoti pprovduti fl-Artikolu 1(1)(b) u (e) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011, li jinkludu l-bilanċ tal-kwantitajiet mhux użati fis-subperjodu preċedenti.
- (3) In-notifiki li ntbagħtu skont il-punt (a) tal-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011

juru li, għall-kwota bin-numru tal-ordni 09.4138, l-applikazzjonijiet imressqa fl-ewwel 10 ijiem ta' xogħol ta' Ottubru 2012 skont l-Artikolu 4(1) ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, ikopru kwantità akbar minn dik disponibbli. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi ddeterminat sa liema punt jistgħu jinħarġu liċenzji tal-importazzjoni, billi jiġi stabbilit il-koeffiċjent tal-allokazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantità mitluba taħt il-kwota kkonċernati.

- (4) In-notifiki juru wkoll li, għall-kwota bin-numru tal-ordni 09.4148, l-applikazzjonijiet imressqa fl-ewwel 10 ijiem ta' xogħol ta' Ottubru 2012, skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011, ikopru kwantità li hija anqas dik disponibbli.
- (5) Il-perċentwal finali ta' użu ta' kull kwota pprovduta fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011 tul is-sena 2012 għandu jkun innotifikat ukoll.
- (6) Sabiex tkun żgurata ġestjoni effettiva tal-proċedura tal-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Għall-applikazzjonijiet tal-liċenzji tal-importazzjoni tar-ross li jaqgħu taħt il-kwota bin-numru tal-ordni 09.4138 imsemmi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011, imressqa matul l-ewwel 10 ijiem ta' ħidma ta' Ottubru 2012, il-liċenzji għandhom jinħarġu għall-kwantità mitluba, immultiplikata bil-koeffiċjent tal-allokazzjoni stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. Il-perċentwal finali ta' użu ta' kull kwota pprovduta fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011 tul is-sena 2012 jingħata fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

⁽³⁾ ĠU L 325, 8.12.2011, p. 6.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ottubru 2012.

Għall-Kummissjoni,

Fisem il-President,

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

ANNEX

Kwantitajiet li għandhom jiġu allokati għas-subperjodu ta' Ottubru 2012 skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011 u l-perċentwal finali tal-użu għas-sena 2012

- (a) Kwota ta' ross mitħun għalkollox jew mitħun parzjalment kopert bil-kodiċi NM 1006 30 kif ipprovdut fl-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011:

Orìġini	Numru tas-serje	Koeffiċjent tal-allokkazzjoni għas-subperjodu ta' Ottubru 2012	Perċentwal finali tal-użu tal-kwota għas-sena 2012
L-Istati Uniti	09.4127		96,41 %
It-Tajlandja	09.4128		98,94 %
L-Awstralja	09.4129		64,72 %
Orìġini oħra	09.4130		100 %
Il-pajjiżi kollha	09.4138	1,109158 %	100 %

- (b) Kwota ta' ross bil-ħliefa kopert bil-kodiċi NM 1006 20 kif ipprovdut fl-Artikolu 1(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011:

Orìġini	Numru tas-serje	Koeffiċjent tal-allokkazzjoni għas-subperjodu ta' Ottubru 2012	Perċentwal finali tal-użu tal-kwota għas-sena 2012
Il-pajjiżi kollha	09.4148	— ⁽¹⁾	0 %

(¹) L-ebda koeffiċjent ta' allokkazzjoni applikat għal dan is-subperjodu: l-ebda applikazzjoni tal-liċenzja ma ġiet notifikata lill-Kummissjoni.

- (c) Kwota ta' ross miksur kopert bil-kodiċi NM 1006 40 00 kif ipprovdut fl-Artikolu 1(1)(c) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011:

Orìġini	Numru tas-serje	Perċentwal finali tal-użu tal-kwota għas-sena 2012
It-Tajlandja	09.4149	23,81 %
L-Awstralja	09.4150	0 %
Il-Gujana	09.4152	0 %
L-Istati Uniti	09.4153	39,39 %
Orìġini oħra	09.4154	100 %

- (d) Kwota ta' ross mitħun kollu jew ross mitħun parzjalment kopert bil-kodiċi NM 1006 30 kif ipprovdut fl-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011:

Orìġini	Numru tas-serje	Perċentwal finali tal-użu tal-kwota għas-sena 2012
It-Tajlandja	09.4112	100 %
L-Istati Uniti	09.4116	100 %
L-Indja	09.4117	100 %
Il-Pakistan	09.4118	100 %
Orìġini oħra	09.4119	100 %
Il-pajjiżi kollha	09.4166	100 %

- (e) Kwota ta' ross miksur kopert bil-kodiċi NM 1006 40 00 kif ipprovdut fl-Artikolu 1(1)(e) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1273/2011:

Orìgini	Numru tas-serje	Koeffiċjent tal-allokazzjoni għas-subperjodu ta' Ottubru 2012	Perċentwal finali tal-użu tal-kwota għas-sena 2012
Il-pajjiżi kollha	09.4168	— ⁽¹⁾	100 %

⁽¹⁾ L-ebda kwantità disponibbli għal dan is-subperjodu.